# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 513/2014 MH**

**Illum, 29 ta' Jannar, 2021**

**Joseph Falzon (K.I. Nru 0350134M) u stante l-mewt tiegħu b'digriet tal-11 ta' Mejju 2015 l-atti ġew trasfużi f'isem Angelo Pisani (K.I.821037M), Emanuel sive Leli Pisani (K.I. 40857M), Georgia Cilia (K.I. 829450M), Ġuża Scicluna (K.I. 288654M), Pawlu Cutajar (K.I.208853M) u Ġużi Cutajar (K.I.984747M), Celine Falzon (K.I.181678M) u Rita Falzon Gouder (K.I.152266M)**

**vs**

**Raymond Barbara (K.I. 265M) u Carmel sive Charlie Barbara (K.I. 215671M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat** tal-attur tas-16 ta' Ġunju 2014 li permezz tiegħu premetta –

*"Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma li s-segwenti jafhom personalment:*

1. *Illi f'xi zmien ir-rikorrent kellu kontijiet bearer b'diversi somom ta' flus;*
2. *Illi lejn l-ahhar tas-snien tmenin u bidu tas-snien disghin il-Gvern Malti kien nieda forma ta' amnestija u skema ta' ripatrijazzjoni fir-rigward ta' kontijiet bearer;*
3. *Illi Joseph Falzon dak iz-zmien kien ghalaq l-kont bearer li kellu u fetah kont bankarju f'isem in-neputija tieghu Raphaela Barbara u fih pogga somma ekwivalenti ghal Lm17000 (sbatax il-elf lira Maltin).*
4. *Illi huwa ghamel l-istess fir-rigward ta' iben Raphaela Barbara, l-intimat Raymond Barbara fejn huwa pogga f'kont f'isem Raymond Barbara somma ekwivalenti ghal Lm33,000 ((tlieta u tletin elf lira Maltin) ekwivalenti ghal sitta u sebghin elf tmien mija disgha u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezimu (€76869.23). Sa fejn jaf l-esponent dan il-kont jaghlaq fix-xahar ta' Dicembru u minnu intimat Raymond Barbara kien jghaddilu somma ta' €1500 (elf u hames mitt ewro) fis-sena li huwa l-imghax li jkun akkumula fuq dan il-kont;*
5. *Illi f'kont f'isem Carmel sive Charlie Barbara (iben Raphaela Barbara) huwa pogga Lm20,000 (ghoxrin elf Maltin) ekwivalenti ghal sitta u erbghin elf hames mija sebgha u tmenin Ewro u wiehed u erbghin centezimu (€46587.41) li minnu kien jiehu bhala imghax is-somma ta' €800 (tmien mitt ewro).*
6. *Illi dawn it-tliet kontijiet gew kollha miftuha fil-fergha tal-Mid Med Bank gewwa Haz Zabbar, illum HSBC Bank Malta plc;.*

7. *Illi filwaqt li r-rikorrent lil Raphaela Barbara ma talabiex flusu lura u lanqas qatt talabha l-imghax li ddekkorew fuq tali somma ta' Lm17000 (sbatax il-elf lira Maltin) u dan b'rikonoxximent ghal ghajnuna li talvolta setghet tat lil omm ir-rikorrent u anke ir-rikorrent, mhux l-istess kien il-kaz fir-rigward ta' Raymond Barbara u Carmel sive Charlie Barbara fejn kien car li l-ammonti li kien hemm fuq isimhom kienu tar-rikorrent, l-istess rikorrent ma kienx taghhomlom u fil-fatt huma kienu jghaddulu l-imghax li kienu jiddekorru;*

8. *Illi meta dan l-ahhar ir-rikorrent beda jitlob lill-intimati sabiex iroddulu flusu lura bdiet sensiela ta' vendikazzjonijiet. Hekk perezempju r-rikorrent isofri mil-marda tal-kancer fil-pulmun u l-intimat Carmel Barbara f'Dicembru 2013 xeghllu l-airconditioning b'mod qawwi tant li spicca marid hafna;*

9. *Illi hekk ukoll il-garaxx li r-rikorrent ghandu mad-dar tieghu ilu jintuza mill-intimat Carmel Barbara ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena u ghamel qliegh kbir minnu u r-rikorrent qatt ma talbu kera ghall-istess. Meta r-rikorrent talbu li ghallinqas izomm l-istess fi stat tajjeb beda jghidlu li hu ( ir-rikorrent ) qatt ma tah flus u li hu (l-intimat Carmel Barbara) qatt ma tah imghax;*

10. *Illi minkejja li l-Professur kuranti tar-rikorrent talabhom sabiex bil-lejl ma jhallux lir-rikorrenti wahdu, dawn irrifjutaw li jassistuh u minfuq Raymond Barbara beda jakkuza lir-rikorrent li jbati mid-dementia u hadu ghand specjalista li kkonferma l-kuntrarju u cioe' li r-rikorrent ghandu memorja tajba hafna;*

11. *Illi fil-fatt r-rikorrent interpella lill-intimati sabiex iroddulu lura l-flejjes msemmija hawn qabel permezz ta' zewg ittri ufficjali pprezentati nhar id-9 ta' April 2014 bin-numru 1107/14 u 1108/14;*

12. *Illi minflok ottemporaw ruhhom l-intimati flimkien ma' ommhom irrispondew b'ittri ufficjali datati 7 ta' Mejju 2014 bin-numri 1399/14, 1400/14 u 1402/14;*

13. *Illi r-rikorrent wiegeb b'ittra legali ghall-ittra ufficjali ta' omm l-intimati;*

14. *Illi r-rikorrent ma kellux triq ohra ghajr li jistitwixxu dawn il-proceduri;*

***Gh**aldaqstant in vista tal-premess, r-rikorrent umilment u bir-rispett jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li Raymond Barbara u Carmel k/o Charlie Barbara qieghdin izommu indebitament flejjes tar-rikorrent fl-ammonti ta' sitta u sebghin elf tmien mija disgha u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezimu (€76869.23) u sitta u erbghin elf hames mija sebgha u tmenin Ewro u wiehed u erbghin centezimu (€46587.41) rispettivament;*

2. *Tikkundanna lil Raymond Barbara u Carmel sive Charlie Barbara sabiex jirrifondu lura lil Joseph Falzon is-somma komplessiva ta' mija tlieta u ghoxrin elf erbgha mija sitta u hamsin Ewro u erbgha u sittin Ewro (€123,456.64) lil Joseph Falzon.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk l-ispejjez tal-ittri ufficjali numri 1107/14 u 1108/14 ipprezentati kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni u bl-imghax dekorribli skont il-ligi.*

*B'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti tad-9 ta' Lulju 2014**[1] permezz ta' liema ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*Jesponu bir-rispett u bil-ġurament tagħhom **Raymond Barbara (K.I. nru. 265(M))** u **Carmel sive Charlie Barbara, K.I. nru. 215671(M))** jikkonfermaw **ILLI**:*

1. *Fl-ewwel lok, u in linea preliminari, it-tieni talba tar-rikorrenti kif dedotta hija insostenibbli; dan għaliex, anke f'każ ta' eżitu posittiv għar-rikorrenti, l-intimati ma jistgħux, f'dawn il-proċeduri, jiġu ikkundannati sabiex flimkien, iħallsu, somma komplessiva';*

2. *Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe flejjes mgħoddija mir-rikorrenti lill-intimati separatament, ġew hekk mgħoddija bħala ħlas in parte mill-kumpens dovut lil kull wieħed minnhom għas-servizzi u spejjeż mwettqa minnhom miegħu matul iż-żmien; issa illi r-rikorrenti għażel li jipproċedi bl-ittri ġudizzjarji datati 9 t'April 2014 (bin-numri rispettivi 1107/14 u 1108/14), ir-rikorrenti kienu kostretti jivventilaw il-pretensjonijiet tagħhom f'rikors ġuramentat appożitu ippreżentat kontestwalment ma' din ir-risposta*

3. *Fit-tielet lok, u mingħajr ħsara għall-eċċezzjonijiet preżenti, is-somom mgħoddija mir-rikorrenti lill-intimati bi ħlas in parte mill-kumpens dovut lil kull wieħed minnhom kif ingħad aktar 'il fuq huma f'kull każ f'ammonti ferm anqas minn dak reklamat mir-rikorrenti;*

4. *Fir-raba' lok, u fi kwalunkwe każ, il-flejjes reklamati mir-rikorrenti huma f'kull każ mhux dovuti;*

[1] Fol 22 et seq

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessibbli, skont il-każ.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

Rat is-sottomissjonijiet u semgħet it-trattazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Rat illi l-kawża odjerna hija konnessa mal-kawża Rik Ġur 614/14 fl-ismijiet *Raymond Barbara et vs Joseph Falzon* liema kawża ġiet rikjamata quddiem din il-Qorti kif preseduta b'digriet tal-10 t'Ottubru 2018 u li fiha llum ukoll qed tingħata s-sentenza.**

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenuti jirritornawlu flejjes tiegħu allegatament miżmuma minnhom indebitament fis-somma totali ta' €123,456.64 in kwantu għal €76,869.23 da parti tal-konvenut Raymond Barbara u in kwantu għal €46,587.41 da parti tal-konvenut Carmel Barbara.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti jirrespinġu dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Huma jikkontendu li kwalunkwe flejjes mgħoddija lilhom mingħand l-attur kienu jirrappreżentaw ħlas *in parte* mill-kumpens dovut

lil kull wieħed minnhom għal servizzi u spejjeż li huma għamlu miegħu u għalih matul is-snin.

L-istess konvenuti, flimkien ma' ommhom Rafela Barbara intavolaw il-kawża Rik 614/14 fuq imsemmija permezz ta' liema huma qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li huma wettqu serviġi mal-attur odjern, għall-liema huma jistħoqqilhom ħlas kif ukoll li l-flejjes mogħtija lilhom minn Falzon jikkostitwixxu kumpens *in parte* għal dawn is-serviġi. Huma qegħdin jitolbu wkoll lill-Qorti tillikwida somma xierqa lil kull wieħed minnhom għall-bqija tal-ħlas ta' serviġi pretiż minnhom.

**In linea preliminari** l-konvenuti jissollevaw l-eċċezzjoni li t-tieni talba tal-attur kif dedotta hija nsostenibbli għaliex anke f'każ ta' eżitu pożittiv għalih, fil-fehma tagħhom huma ma jistgħux, fil-proċeduri odjerni, jiġu kkundannati sabiex flimkien iħallsu somma komplessiva.

Il-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija ġustifikata.

Kif inhu ammess mill-attur stess fir-rikors promotur, is-somom mgħoddija lill-konvenuti mhux biss ingħatawlhom separatament iżda wkoll f'ammonti differenti. Kwindi ma treġix il-pretensjoni kif dedotta tal-attur u *se mai*, jekk jintlaqgħu it-talbiet tiegħu, kull wieħed mill-konvenuti għandu jiġi ordnat jirritorna lill-istess attur is-somma rispettiva mogħtija lilhom.

**L-ewwel eċċċezzjoni preliminari tal-konvenuti sejra għalhekk tiġi milqugħa.**

Fil-mertu, jirriżulta li l-kontendenti fiż-żewġ kawżi huma qraba. Joseph Falzon, li miet fil-mori tal-kawża fil-15 ta' Jannar 2015, jiġi z-ziju ta' Rafela Barbara filwaqt li Raymond u Carmel huma wliedha.

Hemm qbil bejn il-partijiet fiż-żewġ kawżi li Joseph Falzon kien għadda flejjes lil kull wieħed miż-żewġ konvenuti kif ukoll lil ommhom Rafela Barbara, attriċi

fil-kawża konnessa Rik 614/14. Huwa paċifiku wkoll li dawn il-flus huma depożitati f'isem il-konvenuti f'kontijiet bankarji separati u li l-konvenuti odjerni kienu jagħtu lill-attur l-imgħaxijiet fuq dawn l-istess somom.

Madankollu l-partijiet jagħtu verżjonijiet kontrastanti kemm dwar l-ammonti mogħtija, il-perjodi li fihom ingħataw u partikolarment dwar ir-raġuni li wasslet biex saret dik l-għotja. Dawn id-diverġenzi huma fil-fatt il-qofol tal-kwistjonijiet bejniethom.

Kif inhu pero' rassodat fil-ġurisprudenza, dawn id-diverġenzi fil-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet m'għandux ikun ta' ostaklu biex il-Qorti tasal għall-ġudizzju tagħha.

Ingħad hekk fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deċiż fil-15 ta` Diċembru 2015**[2]-

"***Konflitt tal-verżjonijiet***

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża* ***`Xuereb et vs Gauci et`*** *il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "****Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma****", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet*

[2] Rik Gru Nru 1170/86

*u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440).”*

*(ara wkoll: “**Bugeja vs Meilak**” – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; “**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**” – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003; “**Farrugia vs Farrugia**” – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

Fuq nota simili, il-Qorti qalet hekk fil-każ **Pickless Ltd vs Saviour Farrugia et deċiż fl-20 ta’ Jannar 2016**[3] -

*“Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi ingħad illi:*

*“mhux kwalunkwe’ tip ta’ konflitt (fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minħabba fih ma tkunx tista’ tiddeċiedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soġġett għall-izbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha .... .... Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m’għandhiex taqa’ ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke’ fuq il-bilanċ tal-probabilita’ u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f’kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (...) anzi’, f’każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilita’ tal-qerq da parti ta’ xi wieħed mill-kontendenti.”*[4]

*Ingħad ukoll illi:*

*“fi kwistjoni ta’ kredibilita’ u apprezzament ta’ provi l-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja*[5]*.”*

*Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiema, u ċioe:*

---

[3] Rik 445/07

[4] **Carmel Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-24 ta' Novembru 1 966.

[5] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Gunju 1980

*1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur*[6].

*Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, fuq preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konviċiment tal-ġudikant*[7]*."*

Ferm il-premess il-Qorti sejra tevalwa dak li rriżulta mill-provi.

Fl-ewwel lok, dwar il-*quantum* tal-flus mertu tal-kawża u l-perjodu li fih ġew depożitati f'isem il-konvenuti, l-attur iddikjara li m'għandux fil-pussess tiegħu dokumenti li jagħtu prova ta' tali depożiti u li ma jafx bi preċiżjoni meta seħħew iżda żgur li kien fil-perjodu tal-leġislatura tal-Gvern bejn l-1987 u l-1992[8]. Qal ukoll li huwa poġġa ġewwa l-Bank HSBC (Malta) plc, fl-epoka Mid-Med Bank, fil-fergħa ta' Ħaż-Żabbar:

- €39,599 (Lm17,000) f'isem Rafela Barbara;
- €76,869.23 (Lm33,000) f'isem Raymond Barbara; u
- €46,587.41 (Lm20,000) f'isem Carmel Barbara.

Il-konvenuti pero' jirribattu li s-somom li għaddielhom ma kinux dawn[9]. Jiddikjaraw li ġew mgħoddija mill-attur u depożitati f'kont bankarju ġewwa l-HSBC (Malta) plc l-ammonti ta':

---

[6] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza fl-24 ta' Marzu 2004)

[7] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza fis-19 ta' Mejju 2015

[8] Nota a fol 28

[9] Nota a fol 30

- €34,940.60 (Lm15,000) lil Raymond Barbara[10]; u
- €30,281.85 (Lm13,000) lil Carmel Barbara għal ħabta tal-bidu tas-snin disgħin[11].

Għal kull buon fini jiġi nnutat ukoll li skont l-atti tal-kawża Rik Ġur 614/14, ommhom Rafela Barbara tiddikjara fir-rikors ġuramentat li hija rċeviet is-somma ta' €39,599 (Lm17,000) mingħand Joseph Falzon. Dan l-ammont jikkombaċja ma' dak dikjarat mill-attur.

Naturalment min jallega jrid jipprova.

Il-Qorti rat ix-xhieda u d-dokumenti esibiti mir-rappreżentant tal-Bank HSBC (Malta) plc Audrey Ghigo[12].

Huwa minnu li skont ma qalet ix-xhud, minħabba l-perjodu ta' għaxar snin ritenzjoni ta' nformazzjoni ma kienx possibbli għaliha li tottjeni d-dettalji kollha mitluba sa mill-1990.

Madankollu mill-lista ta' kontijiet bankarji esibiti f'isem Raymond Barbara, u li uħud minnhom jirrisalu anke għal aktar minn għaxar snin, ma jirriżulta ebda kont bankarju miftuħ bejn l-1987 u l-1992 u fi kwalunkwe każ fil-kontijiet l-oħra elenkati m'hemm ebda kont li nfetaħ jew li ngħalaq f'isem Raymond Barbara bis-somma ta' €76,869.23 (Lm33,000) kif allegat mill-attur.

L-istess jingħad għal dak li jirrigwarda l-lista ta' kontijiet bankarji f'isem Carmel Barbara. Mill-lista ta' kontijiet bankarji esibiti f'isem Carmel Barbara, u li uħud minnhom ukoll jirrisalu anke għal aktar minn għaxar snin, ma jirriżulta ebda kont bankarju miftuħ bejn l-1987 u l-1992 u fi kwalunkwe każ fil-kontijiet l-oħra

[10] Affidavit a fol 231
[11] Affidavit a fol 228
[12] Fol 142 et seq

elenkati m'hemm ebda kont li nfetaħ jew li ngħalaq f'isem Carmel Barbara bis-somma ta' €46,587.41 (Lm20,000) kif allegat mill-attur.

Oltre x-xhieda tiegħu, l-attur naqas li jtella kwalunkwe prova oħra dokumentarja li tista' b'xi mod tikkorrobora dak li kien qed jgħid fir-rigward tal-*quantum* tal-flejjes mgħoddija lill-konvenuti.

Minn naħa tiegħu l-konvenut Raymond Barbara jesebixxi dokumenti bankarji sabiex jissostanzja t-teżi tiegħu li l-attur kien effettivament tah biss is-somma ta' €34,940.60 (Lm15,000) f'Diċembru 1995[13]. Ir-rappreżentanta tal-Bank irrintraċċjat in-numru tal-kontijiet bankarji ndikati fil-lista esibita minnha. Għalkemm huwa evidenti mill-provi mressqa li d-dokumenti esibiti minn dan il-konvenut juru li sar trasferiment ta' din is-somma minn kont għal ieħor u jirriżulta wkoll li d-dokument oriġinali ta' meta l-kont ma ġiex esibit, mill-assjem tal-provi kollha u fuq bażi ta' probabilta' l-Qorti hija sodisfatta li s-somma ta' €34,940.60 (Lm15,000) hija dik mgħoddija mill-attur lil Raymond Barbara. Hija fiċ-ċirkustanzi plawsibbli wkoll l-ispjega li ta l-konvenut dwar iċ-ċifra ta' 33,000 li jatribwixxi l-attur għas-somma mogħtija lilu u ċioe li meta tah il-Lm15,000 dawn kienu għadhom f'denominazzjoni ta' liri Maltin mentri eventwalment meta nqalbu għall-ewro dawn ġew aktar minn €34,000 u l-attur biex jaqtagħha għad-dritt kien qallu li dawk huma 33,000 pero' fir-realta' huma ewro u mhux liri maltin[14].

Minn naħa tiegħu l-konvenut Carmel Barbara jesebixxi dokumenti bankarji sabiex jissostanzja t-teżi tiegħu li l-attur kien effettivament tah is-somma ta' €30,281.85 (Lm13,000) [15]. Huwa minnu li strettament dawn id-dokumenti ma jindikawx il-provenjenza tal-flus pero' meta meħudin anke fil-kuntest tad-dokumenti esibiti mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC u x-xhieda u l-provi kollha

[13] Fol 34 sa 42
[14] Xhieda a fol 386
[15] Fol 43 u fol 305

mressqa nkluż il-perjodu tal-ftuħ tal-kont oriġinali jirriżulta fuq bażi ta' probabilta' li l-attur kien ta s-somma ta' €30,281.85 (Lm13,000) lil Carmel Barbara.

**Għaldaqstant sa fejn kompatibbli ma' dak li appena ngħad, it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti hija ġustifikata.**

Stabbilit dan jeħtieġ jiġi stabbilit il-motiv li a bażi tiegħu l-attur għadda dawn il-flus lill-konvenuti, stante li dan huwa kruċjali mhux biss għar-riżoluzzjoni tal-kawża odjerna iżda jimpinġu wkoll fuq parti mill-mertu tal-kawża konnessa Rik Ġur 614/14.

Il-Qorti tinnota li kemm fir-rikors ġuramentat kif ukoll fin-Nota esibita minnu a fol 28, l-attur jiddikjara raġuni ben preċiża li a bażi tagħha huwa ta l-flus lill-konvenuti u lil ommhom.

It-teżi tiegħu hija li fil-bidu tas-snin disgħin il-Gvern kien nieda amnestija u skema ta' ripatrijazzjoni fir-rigward ta' kontijiet bearer u l-attur beża li jekk tali depożiti ta' flus jibdew jidhru f'ismu kien ser jiġi milqut l-introjtu spettanti lill-ġenituri tiegħu mill-benefiċċji soċjali. Peress li huwa kien ukoll jilgħab il-flus ma xtaqx li juri dan il-fatt ma' terzi u għalhekk ftiehem mal-konvenuti li jiddepożita l-flejjes indikati fir-rikors ġuramentat f'isimhom bil-kundizzjoni li meta jiġi bżonn dawn il-flus il-konvenuti kellhom ituhomlu lura u fil-frattemp huma jgħaddulu l-imgħaxijiet fuq dawn l-ammonti.

Madankollu l-provi mressqa in atti fil-fehma tal-Qorti ftit li xejn jagħtu kredibilita' lill-verżjoni tal-attur.

Fl-ewwel lok, mistoqsi dwar skemi u regolamenti li kienu jirrigwardaw il-*bearer accounts* bejn l-1987 u l-1996, **ir-rappreżentant tal-Bank Ċentrali Dr Jean**

**Noel Cutajar** xehed[16] li bejn l-imsemmija dati ma kienx hemm skemi u regolamenti. Kienu saru xi emendi fl-Att tal-1970 dwar Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur (Kap 219) permezz ta' liema sar tibdil fuq ir-rati tal-imgħax applikabbli fuq ir-rati dovuti fuq dawn il-kontijiet. Imbagħad fid-diskors tal-Budget għas-sena 2000 tħabbar li l-Bank Ċentrali kellu joħroġ struzzjonijiet lill-Banek sabiex ma jiftħux aktar *bearer accounts* u jieħdu l-miżuri biex jew jagħlqu jew jitrasferixxu l-kontijiet eżistenti f'kontijiet regolari bl-isem magħruf. Dan kollu kellu jsir sat-30 ta' Ġunju 2000.

B'hekk il-perjodu minnu msemmi u x-xenarju li skont l-attur wassluh biex ipoġġi flusu fil-Bank f'isem il-konvenuti ma jikkorrispondux mar-realta' tal-fatti marbuta mal-*bearer accounts* kif irriżulta mix-xhieda.

Jiġi nnutat ukoll li waqt ix-**xhieda tal-attur *viva voce***, il-verżjoni li ta kienet pjuttost differenti fejn mhux talli ma ssemma xejn minn dan kollu talli nvece qal ċar u tond li l-flus tahomlhom għalihom[17] -

*"Asst. Ġud: Mela inti ftaħt, għandi nifhem kont fuq Rafela, kont fuq Raymond u kont fuq Charlie.*

*Xhud: Ehe.*

*Asst. Ġud: Il-għala? X'ġiegħel?*

***Xhud: Biex ikunu tagħhom dawk.***

*Asst.Ġud: Biex ikunu tagħhom.*

*Xhud: Ħa ngħidlek oħra, qatt m'għidtha, biex missierhom ma joħodilhom lil ommhom.*

[16] Fol 203 et seq
[17] Fol 69 et seq

*Asst.Ġud: Biex?*

*Xhud:* ***Missierhom ma joħodhomliex lil ommhom. Dik kelli l-biża jien, minn missierhom****.”*

L-attur kompla jixhed hekk –

*"Asst. Ġudizzjarju: Imma inti għalxiex tajthomlhom dawn il-flus? Dik li staqsejtek fil-bidu. Għaliex tajthomlhom?*

*Xhud:* ***Għax kienu qishom it-tfal tagħna dawk....”***[18]

L-attur jikkonferma ulterjorment fix-xhieda tiegħu li huwa kellu ripensament dwar din l-għotja ta' flus lill-konvenuti għax fl-aħħar sena qabel ma ntavola l-proċeduri odjerni dehrlu li huma kienu trattawh ħażin –

*"Dr. C. Bugeja: Jiġifieri rigward Raymond u Charlie wara li tajthom il-flus fl-'87, dawwart fhemtek l-aħħar sena, hux vera, l-aħħar ftit xhur.*

*Xhud: Għax ma ġejtx trattat tajjeb.*

*Dr. C. Bugeja: Dawwart fhemtek imma.*

*Xhud: Ehe.”*

F'dan l-istadju l-Qorti tissottolinea l-fatt li l-ewwel talba tal-attur hija ppernjata fuq il-pretensjoni li l-konvenuti kienu qegħdin iżommu l-flejjes mogħtija lilhom <u>indebitament</u>. Iżda hija x-xhieda tal-attur stess li tikkontradixxi dan għax minn dak li qal huwa stess, l-attur kien volontarjament tahom dawn il-flus biex iżommuhom huma (għajr għall-imgħaxijiet). Irriżulta wkoll mill-provi li wara ħafna snin ġraw episodji li minħabba fihom l-attur kiser ir-relazzjoni tiegħu maż-żewġ konvenuti. Fir-rigward ta' Raymond l-attur qal li meta kien għamel

[18] Enfazi tal-Qorti fit-tipa.

operazzjoni l-professur kien qal lill-istess Raymond biex ma jħalluħx waħdu u jorqdu miegħu. Madankollu Raymond kien wasslu d-dar u mar lejn daru, aġir li wassal biex l-attur biex jiksirha minn miegħu u minn hemm beda jorqod miegħu neputi ieħor Emanuel (Leli Cutajar). Fir-rigward tal-konvenut Carmel Barbara, l-attur qal li darba minnhom kien qiegħed fis-sodda u kienet il-kesħa. Daħal il-konvenut Carmel u l-*aircondition* li sa dak il-ħin kien qiegħed isaħħan il-kamra għamilulu kiesaħ. L-għada keċċieħ mid-dar.

Madankollu, il-fatt li wara dawn l-episodji (miċħudin mill-konvenuti) l-attur kellu kambjament fil-ħsieb tiegħu u ried lura l-flus li kien tahom snin qabel ma jiġġustifikax it-talba tiegħu għar-rifużjoni tal-flus. Dan għaliex minn dak li ammetta hu stess waqt ix-xhieda, l-konvenuti ma kinux qegħdin iżommu dawk il-flejjes indebitament iżda kien tahomlhom huwa stess bil- buona volonta' tiegħu għal motiv partikolari li fil-fehma tal-Qorti rriżulta wkoll mill-provi. Dan il-motiv huwa li l-attur ried jagħti kumpens lill-konvenuti, u anke lil ommhom Rafela għas-serviġi li huma kienu rrendewlu matul is-snin.

Jingħad fl-ewwel lok in linea ta' ġurisprudenza li kif ingħad fil-każ **Carmelo Azzopardi et vs Alfred Camilleri et deċiż fis-26 ta' Ġunju 2018** –

*Illi ai termini tal-Kodiċi Ċivili s-serviġi huma kkunsidrati bħala tip ta' kważi-kuntratt. L-artikolu 1012 tal-Kodiċi Ċivili jiddefenixxi l-kwazi-kuntratt bħala: "fatt leċitu u volontarju, li minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

*Abbażi tal-prinċipju delineat f'dan l-artikolu persuna li tippresta serviġi tesiġi d-dritt li tiġi kumpensata u dan għar-raguni li hija tkun qed tarreka vantaġġ lill-persuna li tkun qegħda tirċievi tali serviġi. Tul is-snin iżda l-Qrati tagħna varjaw il-mod kif iħarsu lejn is-serviġi u l-ħlas tagħhom. Fil-kawża fl-ismijiet* ***Giuseppina Deidun et vs. Emila Poggi et*** *deċiża il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Ottubru, 1954 ingħad kif isegwi: 'Il-kumpens għal serviġi prestati*

*jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta ċ-ċirkustanzi juru ċar illi min ippresta s-serviġi kellu l-intenzjoni li jitħallas għalihom. Il-prestazzjoni tal-serviġi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita' u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment. U fil-ġurisprudenza reċenti, anki għar-rigward tal-parenti, huwa applikabili l-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwita', sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta ġew prestati s-serviġi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jitħallas għalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens. Dak li hu importanti li għandu jiġi eżaminat, biex wieħed jara għandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta ġew prestati s-serviġi; u ċirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joħolqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joħolqu.'*

Insibu ukoll fil-ġurisprudenza nostrana[19] li:-

*"Illi f'dan l-istadju jrid jiġi eżaminat il-punt jekk l-attriċi Tessie Micallef kellhiex intenżjoni li titħallas meta rrendiet dawn is-servigi. Skond il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, fil-passat f'kaz ta' servigi prestati bejn parenti, kien jiġi ritenut li dawn ġew prestati "familiaritatis causa" u l-preżunzjoni kienet li ma kienx hemm ħsieb ta' kumpens.*

*Pero` fil-ġurisprudenza aktar reċenti, anke fir-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju li s-servigi jiġu resi bi speranza ta' kumpens sakemm ma jeżistux ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-gratwita (Ara sentenza* ***Anthony Catania pro et noe***

[19] 28 ta' April, 2011 Citazzjoni Numru. 715/1986/2 Tessie Micallef u b'digriet tat-22 ta' Gunju, 1992 l-atti tal-kawza ghaddew f'isem Eugenio u Maria Lourdes Micallef u Joseph Micallef *stante* l-mewt ta' Tessie Micallef Vs Lawrence Galea, Aristide Galea u Mario Galea

***vs Maria Agius** (Ċitaz 1381/1993) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta Diċembru 2003). Fil-kawza **Agius vs Galea** deċiża fit-12 ta' Frar 1996 ġie deċiż li l-prinċipju ta' gratwita ma għandux jiġi akkolt faċilment. F'sentenza mogħtija reċentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Marzu 2010 fl-isimijiet **Maria Lourdes Brincat vs Guiseppe Brincat et** (Ċitaz 448/87FS) ġie dikjarat illi f'kaz ta' servigi ma hemmx preżunzjoni ta' gratuwita. Il-Qorti iddikjarat li "Min jallega li s-servigi saru b'xejn irid iġib provi tajbin biex iwaqqa' l-presunzjoni li s-servigi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas".*

Dwar is-serviġi msemmija tressqu diversi xhieda.

Xehed **il-konvenut Raymond Barbara**[20] li qal li sa minn ċkunitu kien imur għand il-bużnanniet tiegħu (il-ġenituri tal-attur) flimkien ma' ommu Rafela peress li din kienet taqdihom fil-ħtiġijiet tagħhom inkluż ħasil tar-razzett, ħwejjeġ u tisjir. Hu ġieli raqad hemm ukoll. Meta circa fl-1979 il-bużnanniet u l-attur marru joqogħdu fid-dar tal-Fgura hu flimkien ma' ommu u ħuħ il-konvenut Carmel bdew imorru hemmhekk, u kien proprju minn dak iż-żmien li huwa kien beda jorqod kuljum għand l-attur speċjalment sabiex jieħu ħsieb lil bużnanniet meta l-attur kien joħroġ. Anke wara l-mewt tal-bużnanniet il-konvenut baqa' jorqod għand l-attur.

Il-konvenut elenka x-xogħol li kien jagħmel għall-attur fosthom li jassistih f'dak kollu li kien hemm bżonn fir-rigward tax-xiri mill-pitkalija u kif ukoll tal-bejgħ tal-ħaxix u t-tiġieġ. Anke l-konvenut l-ieħor Carmel ġieli akkumpanjahom. Raymond Barbara jkompli jgħid li biex kien imur mal-attur spiċċa falla ħafna skola u l-attur qatt ma kien iħallsu ta' din l-għajnuna. L-unika darba li tah rigal kien Lm50 fit-tieġ.

[20] Fol 230 et seq, fol 380 et seq u fol 395 et seq

Dan il-konvenut baqa' jorqod għand l-attur sakemm iżżewweġ fl-1990. Wara li żżewweġ xorta baqa' jmur għandu wara x-xogħol jgħinu fit-trobbija tal-fniek, iwasslu fejn ikollu bżonn u jeħodlu l-ikel imsajjar minn ommu. Il-ħwejjeġ tiegħu maħmuġin u l-borom li kien jeħodlu l-ikel fihom kien jeħodhom lura għand ommu biex taħsilhomlu u mbagħad kienu jniżżluhomlu hu jew ħuħ.

Il-konvenut jgħid li dak kollu li għamel mal-attur għamlu bit-tama li dan jikkumpensah. Jgħid li l-attur wegħdu li fil-fatt ser jikkumpensah. Għal ħabta ta' Diċembru 1994 il-konvenut beda jiddejjaq li l-attur qatt ma tah xejn wara dak iż-żmien kollu u allura ffaċċjah dwar dan fejn qallu li kien wasal iż-żmien li jtih xi ħaġa. L-attur kien wieġbu li ta' dak li l-konvenuti u ommhom Rafela għamlu miegħu u mal-ġenituri tiegħu huwa kien beħsiebu jħalli l-post fejn joqgħod u l-garaxx ta' taħtu lil ommhom Rafela biex meta tiġi nieqsa hi jgħaddu għandhom. Imbagħad kien ħadu l-Bank Ħaż-Żabbar u tah €34,940.60 (Lm15,000). Skont il-konvenut l-attur qallu li seta' jagħmel li jrid bil-flus basta li jgħaddilu l-imgħax annwali.

L-aħħar sentejn circa kien iwassal lill-attur ħafna drabi l-isptar meta kien ikollu l-appuntamenti u anke t-tobba lilu kienu jkellmu dwaru. Huwa jgħid li l-attur keċċieh fl-2014.

Il-konvenut jgħid li għalkemm l-attur kien tah dik is-somma minn dejjem kien wegħdu ħafna aktar u jħoss li kien ħaqqu għax għamel minn meta kellu 9 snin sa meta għalaq 50 sena jieħu ħsiebu.

**Il-konvenut l-ieħor Carmel Barbara** ukoll xehed[21] li sa minn tfulitu kien jassisti lill-attur flimkien ma' ħuh speċjalment biex jieħdu ħsieb l-annimali tiegħu u anke joqtluhom għall-bejgħ. Qatt ma ħallashom ta' xejn pero' kien itihom l-impressjoni li għad iħallashom 'il quddiem. Semma kif il-post tal-Fgura l-attur

[21] Fol 227 et seq u fol 421 et seq

bnieh fis-snin tmenin u ommhom Rafela kienet bdiet tmur tieħu ħsiebu u lill-ġenituri tiegħu hemmhekk. Il-konvenuti kienu jmorru jgħinuh fil-garaxx taħt ir-residenza tiegħu u baqgħu hekk sakemm huwa baqa' jbiegħ il-ħaxix u l-annimali. Semma li meta ħuħ Raymond kien beda jorqod għand l-attur ir-residenza tiegħu kienet spiċċat kważi hemmhekk. Huwa elenka wkoll numru ta' servizzi u għajnuniet li kienu jagħmlu huwa u ħuħ flimkien ma' ommhom kemm fir-rigward ta' ikel, tindif u ħasil ta' ħwejjeġ. Semma wkoll għalkemm qatt ma qaleb il-karta tal-identita' fuq ir-residenza ta' Falzon, ħuħ Raymond kien prattikament jgħix għand Falzon u dan mill-1973 sal-1990 meta żżewweġ. Wara ż-żwieġ ta' Raymond, il-konvenut Carmel beda jmur huwa jorqod mal-konvenut. Raymond xorta baqa' jaqdih u jgħinu nkluż biex iwasslu fejn hemm bżonn fosthom l-isptar. Dan baqa' jagħmlu sal-aħħar tal-2013. Ilmenta li ħadd mill-eredi tal-attur li llum jinsabu fil-kawża qatt ma tfaċċaw biex jgħinu lill-attur ħlief fl-aħħar meta Falzon marad b'marda terminali. Kienu biss il-konvenuti u ommhom li għamlu dan matul tant snin f'ħajtu.

Il-konvenut qal li huwa dam jorqod mal-attur mill-għada li żżewweġ Raymond sakemm huwa stess iżżewweġ f'Ġunju 2004, ċioe' mal-14 -il sena. Kien iniżżillu l-ikel u jaqdih fi bżonnijiet oħra. Minn butu kien xtralu televixin u *air conditioner*. Anke meta ma baqax jorqod miegħu xorta huwa u ħuħ baqgħu imorru jaraw xi bżonnijiet kellu.

Il-konvenut kien juża l-garaxx ta' taħt id-dar tal-attur biex jagħmel xogħol ta' spray ta' karozzi. Kien iħallas hu d-dawl u l-ilma kemm tal-garaxx u anke tad-dar tal-attur. Dan baqa' jagħmlu sa Diċembru 2013 meta l-attur qallu biex ma jibqax imur għandu u juża l-garaxx għax xi ħadd daħħallu f'rasu li l-konvenut kien żiedlu t-temperatura tal-arja kondizzjonata biex ikessaħħlu l-arja.

Il-konvenut qal li ta' dak li għamlu mal-attur huwa qatt ma tahom xejn imma darba lilu kien tah Lm13,000 u lil ħuħ Lm15,000 għax kienu qalulu li qatt ma

kien tahom xejn ta' dak li għamlu miegħu matul is-snin. Il-konvenut kien jorbothom sena sena. Meta tahomlu kien qallu li dawn huma tiegħu ta' dak li kien għamel miegħu u qallu wkoll li kien għad irid itih aktar. Kien pero' għamillu kundizzjoni li jtih l-imgħax ħalli hu jkollu biex jgħix. Talabhom ukoll biex ma jgħidu lil ħadd ghax beża li xi qraba oħra jkunu jridu l-flus huma wkoll.

Il-konvenut qal li dak li għamel mal-attur apparti li biex jgħinu kellu f'moħħu li għad jasal żmien li jiġi kkumpensat. Stqarr ukoll li hu, ħuħ u ommu kienu dejjem hemm għall-attur u ħadu ħsiebu għal snin twal mhux bħal qraba oħra li daħlu fix-xena biss fl-aħħar ta' ħajtu u xewxuħ kontrihom.

**L-attur Joseph Falzon** fix-xhieda tiegħu irrikonoxxa li l-konvenut Raymond Barbara kien iwasslu fejn ikollu bżonn inkluż l-isptar u li kemm hu u anke l-konvenut l-ieħor kienu jorqdu miegħu sakemm iżżewġu. Qal ukoll li Carmel kien jeħodlu l-ikel li tkun sajret ommu Rafela. Pero' huwa ċaħad li kienu jgħinuh fix-xogħol tiegħu tal-ħaxix. Xehed li kien anke għamel l-ewwel testment tiegħu (sussegwentement mibdul) a favur il-konvenuti u ommhom Rafela għax fi kliemu stess *"sibt lilhom u l-oħrajn ma sibthomx*[22]*."*

Kienu diversi xhieda oħrajn li komplew tefgħu dawl fuq l-għajnuna li l-konvenuti kienu jagħtu lir-rikorrent.

Omm il-konvenuti **Rafela Barbara** xehdet[23] fid-dettall dwar is-serviġi li hi u wliedha kienu jagħtu lill-attur partikolarment f'dak li kien hemm bżonn fejn jidħol il-bejgħ tal-ħaxix sakemm kien għadu jaħdem. Hija kkonfermat ukoll li l-konvenut Raymond għamel circa ħmistax -il sena jorqod kuljum għand l-attur (bejn l-1975 u l-1990)  u wara li żżewweġ beda jagħmel l-istess ħuħ Carmel għal aktar minn għaxar snin sakemm iżżeweġ huwa wkoll circa fis-sena 2004. Ix-xhud kompliet tgħid li għalkemm iżżewġu xorta baqgħu imorru jgħinuh fosthom fit-

[22] Fol 74
[23] Fol 252 et seq

trobbija tal-fniek fejn Raymond kien imur inaddaflu u jixtrilu l-ġwież. Qalet ukoll li l-attur spiċċa keċċa lill-konvenuti għax ġie mxewwex mill-kuġini l-oħrajn. Dwar il-flejjes mogħtija lill-uliedha mill-attur hija qalet hekk[24] –

| | |
|---|---|
| *"Dr. Bugeja:* | *Issa lil Raymond x'tah flus tiftakar?"* |
| *Xhud:* | *Lil Raymond tah ħmistax -il elf.* |
| *Dr. Camilleri Xuereb:* | *Maltin jew Euros?* |
| *Xhud:* | *Maltin. Għax aħna dak iż-żmien.* |
| *Dr. Camilleri Xuereb:* | *U kif taf li tah ħmistax -il elf?* |
| *Xhud:* | *Dik imbagħad wara jien kont naf għax hu kien jgħidilna "tgħidu lil ħadd."* |
| *Dr. Camilleri Xuereb:* | *Kif sirt taf?* |
| *Xhud:* | *Hu kien stess naħseb li qalilna. Qalli "tajt ħmistax lil Raymond u tlettax lil Charlie.* |
| *Dr. Camilleri Xuereb:* | *Mela ħmistax lil Raymond u tlettax lil Charlie, staqsejtu jew qallek il-għala tahomlhom?* |
| *Xhud:* | *Tahomlhom għax dak qal "tajthomlhom għalihom."* |
| *Dr. Camilleri Xuereb:* | *Imma il-għala?* |
| *Dr Bugeja:* | *Ir-raġuni x'inhi?* |
| *Xhud:* | *Għal xejn. Għax kienu jgħinuh ifhem.* |
| *Dr. Bugeja:* | *Jiġifieri b'ringrazzjament?* |

[24] Fol 265

*Xhud:* *Ringrazzjament."*

Xhud ieħor **Henry George Mizzi**, ħabib tal-konvenut Carmel Barbara, xehed[25] fost oħrajn li meta kienu joħorġu flimkien bħala ħbieb huwa dejjem kien jgħaddi għalih u jwasslu lura fid-dar tal-attur għax kien jorqod hemmhekk. Qal ukoll li kien jaf li l-konvenuti kienu jmorru jixtru l-għalf għall-fniek tal-attur u jeħdulu wkoll l-ikel li kienet issajjarlu ommhom Rafela. Jaf ukoll li Carmel kien iħallas minn butu l-kont tad-dawl u l-ilma u tat-telefon għax kien jisma' lill-attur jgħid hekk lill-istess Carmel.

Xhieda oħrajn li xehdu fil-każ konness Rik 614/14 ukoll ikkonfermaw kemm il-konvenuti kienu jirrendulu serviġi lill-attur. **George Sladden**, li kien ilu jaf lil familja Barbara għal circa ħamsin jew sittin sena u kien jaf ukoll lill-attur xehed li huwa jiftakar kemm lill-konvenut Raymond u anke lil Carmel jgħixu għand l-attur sakemm iżżewġu rispettivament[26]. **Lawrence Gatt**, ħabib tal-konvenut Carmel Barbara xehed li hu kien imur jiltaqa' miegħu fil-garaxx tal-attur. Qal li l-konvenuti kienu jieħdu ħsieb lill-attur u kienu jorqdu miegħu ukoll[27]. **Maria Barbara**, mart il-konvenut Carmel xehdet li sakemm iżżewġu huwa kien jgħix mal-attur, infatti meta kienu joħorġu bħala għarajjes kienet dejjem twasslu d-dar tal-attur. Anke wara ż-żwieġ il-konvenuti baqgħu jindukraw lill-attur[28].

Fl-isfond ta' dawn il-provi kollha u l-ġurisprudenza ċitata, l-Qorti hija sodisfatta fl-ewwel lok li l-konvenuti ma tawx is-servizzi u għajnuna lill-attur gratuwitament iżda dejjem kellhom l-intenzjoni li jiġu kumpensati għalihom tant li kif xehdu huma stess talbuh direttament kumpens għalhekk. Fit-tieni lok intwera wkoll mill-provi li l-flus mogħtija lilhom mingħand l-attur kienu marbuta

[25] Fol 237 et seq
[26] Fol 563 et seq
[27] Fol 566 et seq
[28] Fol 569 et seq

ma' ħlasijiet għas-serviġi li kienu qegħdin ituh. Jiġi sottolineat pero' li dwar id-difiża tal-istess konvenuti li l-ammonti mogħtija kienu biss ħlas *in parte* mill-kumpens sħiħ dovut lil kull wieħed minnhom għas-serviġi reżi, l-Qorti hija tal-fehma li dan l-aspett jifforma parti mill-mertu tal-kawża konnessa Rik Nru 614/14 u għalhekk għandu jiġi trattat fl-ambitu ta' dik il-kawża. Suffiċjenti jingħad għall-fini tal-kawża odjerna li l-flus mgħoddija mill-attur lill-konvenuti kienu bħala rikonoxximent għal serviġi mogħtija minnhom lilu u mhux għar-raġuni allegata minnu fir-rikors promotur.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn kompatibbli ma' dak deċiż; u**

**2. Tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**